Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 20 ta' April 2001.

Avviz Nru: 1320/99

Francis Piscopo

Vs

Joseph Mercieca

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex dan jizgombra mill-fond propjeta' tieghu, 1, Marina Gate Street, Senglea peress illi m'ghandu l-ebda titolu legali in konnessjoni ma' l-istess fond. Dan ghandu jaghmlu fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur ma jeccedix il-mitejn liri Maltin (Lm200) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

(1) Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa jokkupa l-fond 1, Marina Gate Street, Senglea b'titolu validu fil-ligi in virtu ta' Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li huwa kien joqghod ma zijuh Joseph Dudely, l-inkwilin ta' l-istess fond fi zmien tal-mewt tieghu.

(2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

(3) Bl-ispejjez.

Rat illi ghalkemm il-kawza giet differita darbtejn ghall-provi tal-

konvenut dana ma deherx biex igib il-provi in sostenn tat-titolu minnu pretiz u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-fond numru 1, Marina Gate Street, Senglea stante illi m'ghandu ebda titolu legali in konnessjoni ma' dan il-fond u ghall-fini ta' dan l-izgombrament qed tipprefiggi terminu ta' xahar mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg